**30 ta' Mejju, 1990**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A.,LL.D., F.S.A., F.R., Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic, Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Michael Pace *et*

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Konvenzjoni Ewropeja – Retroattività – Liġi Kriminali – Riferenza – Ordni ta' – Qorti tal-Maġistrati – Prim' Awla tal-Qorti Ċivili – Sentenza – Frivola u Vessatorja – Appell – Nullità**

*Il-Qorti tal-Maġistrati rriferiet kwistjoni mqajma quddiemha dwar ir-retroattivita tal-liġi kriminali lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Din iddisponiet mill-kwistjoni sollevata quddiemha billi fil-waqt li ddikjarat li ma kien hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali ta' l-imputati, ddikjarati l-kwistjoni minnhom sollevata bħala waħda frivola u vessatorja. Fuq l-appell ta' l-imputati l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat l-appell interpost null.*

*Il-qorti rriteniet li ma jingħatax dritt ta' appell skond il-liġi minn sentenzi tal-Prim' Awla fejn il-materja ta' ksur ta' drittijiet fundamentali sollevata tkun ġiet minn dik il-Qorti ddikjarata bħala waħda frivola jew vassatorja.*

Il-Qorti: – Rat il-provvediment mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fl-atti tal-kompilazzjoni fl-ismijiet: "Il-Pulizija (Spettur Paul Sammut) vs. Michael Pace et" mogħtija fid-19 ta' Lulju, 1989 fejn *inter alia* u għal dak illi jikkonċentra lill-ewwel Qorti ġie ordnat li l-kwistjoni sollevata tiġi riferita lil dik il-Qorti wara li qalet li l-imputati ssollevaw punt ta' natura li għaliha huma applikabbli l-provvedimenti ta' l-Att 14 ta' l-1987;

Rat l-atti kollha relattivi u digrieti mogħtija;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-imputati kif ukoll in-nota responsiva tal-kontro-parti;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tad-19 ta'

Ottubru, 1989, li biha ddeċidiet billi ddikjarat li ma tirriżulta ebda vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja jew tad-drittijiet kostituzzjonali ta' l-imputati riferibbilment għall-att ta' akkuża miġjuba kontrihom, u illi l-oġġezzjoni tagħhom għalhekk f'dan ir-rigward għandha titqies bħala waħda frivola u vessatorja u għalhekk ukoll ordnat li dawn l-atti flimkien ma' l-inkartament relattiv jintbagħtu mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, mnejn ġew mibgħuta, għall-prosegwiment tal-proċeduri skond il-liġi, u dan wara li kkonsidrat;

1. Illi fid-deliberazzjoni tagħha l-ewwel Qorti dwar l-eċċezzjonijiet sollevati mit-tlett imputati, qalet ukoll li dak li ddeċidiet hija sar ''mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' l-imputati, illi a bażi tal-lanjanza tagħhom ta' indoli ta' drittijiet umani jieħdu l-miżuri kollha illi l-liġi tħalli għad-disposizzjoni tagħhom;

2. Illi meta din il-Qorti eżaminat l-att tal-kompilazzjoni relattivi għat-tlett imputati sabiex li wara li dawn, permezz tad-difensuri tagħhom, issollevaw eċċezzjonijiet ta' natura legali dwar l-atti ta' l-akkkuża - eċċezzjonijiet li kif diġa ingħad l-ewwel Qorti ddisponiet minnhom skond il-liġi ssottomettew in konklużjoni illi;

''........stante li l-akkużi jġibu d-diffikulatjiet proċedurali għad-difiża, ikun hemm ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu sebgħa (7) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar is-salvagwardji tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ġew applikabbli għal Malta bl-Att 14 ta' l-1987 u l-iskeda miegħu annessa, u fil-każ illi l-Qorti ma tilqax l-eċċezzjoni għandha għalhekk tirrinvija l-atti quddiem il-Qorti kompetenti biex tiddeċiedi din il-kwistjoni'';

3. Illi riferibbilment għall-eċċezzjonijiet sollevati quddiemha mill-imputati, l-ewwel Qorti ċaħdet l-istess u rriferiet il-bqija quddiem din il-Qorti ai termini u kif espost fiż-żewġ paragrafi preċedenti;

4. Illi b'digriet tagħha tal-31 ta' Lulju, 1989 din il-Qorti tat terminu lill-imputati biex jippreżentaw nota ta' osservazzjonijiet "indikanti fiha l-bażi ta' l-azzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti". Intuża s-singular peress li bħala difensur f'dik is-seduta deher l-Avukat Dottor Joseph Brincat għal Michael Pace. Il-kontroparti dakinhar irreżervat id-dritt ta' risposta. Fil-fatt din il-Qorti esiġiet dan sabiex tkun f'qagħda aħjar li tifhem dak li riedet tallega d-difiża ta' l-imputati u x'kienet ir-risposta tal-kontroparti. Fi kliem ieħor, il-Qorti talbet eluċidazzjoni mill-partijiet involuti. In-noti mitluba saru;

5. Illi fir-risposta tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija, firmata sija minn Dr. Mark Said bħala Avukat tar-Repubblika kif ukoll minn Dr. Vincent Gaetano bħala Deputat Avukat Ġenerali - dan ta' l-aħħar ma kienx preżenti fl-ewwel seduta -deherlu li għandu jikkritika lil din il-Qorti għad-diċitura adoperata meta ntużat il-kelma "l-azzjoni" (u mhux "xi azzjoni" kif erronjament indikat fin-nota responsiva). Fil-fatt in-nota tkompli telabora dwar x'messu sar u ma sarx sija minn din il-Qorti kif ukoll mill-ewwel Qorti u dan meta fl-ewwel seduta minn dan kollu ma tqanqal xejn. Fil-fehma tal-Qorti mhux leċitu li difensur joqgħod iqanqal punti ġodda fin-nota tiegħu, meta din kienet biss intiża bħala waħda responsorja għal dak li kellha x'tgħid il-kontroparti. Barra minn dan, ir-raġuni l-għala saret ir-riferenza, imqar jekk dina setgħet ġiet faċilment miċħuda mill-ewwel Qorti, ġaladarba l-eċċezzjonijiet kienu ġew miċħudin,

issegwi u toħroġ waħidha minn eżami ta' l-atti. Il-Qorti la qatt kellha, u lanqas jista' jkollha xi propensità li taċċetta noti b'diċitura li kważi tammonta għal kritika insolenti u twissi għalhekk liż-żewġ difensuri nvoluti biex jiddeżistu minn aġir simili - ankorke s-sottomissjonijiet tagħhom huma premessi fil-frażi "bir-rispett kollu". Għalhekk ukoll tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni, għal kull fini, tiġi kommunikata lill-Avukat Ġenerali. Illi mill-bqija din il-Qorti ma tara ebda irritwalità proċedurali;

6. Illi dwar il-meritu, il-Qorti stenniet li l-imputati jelaboraw fuq l-allegata vjolazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jgħid hekk;

"1. Ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li ma kenux jikkostitwixxi reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar;

2. Dan l-artikolu m'għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni tal-piena dwar xi ħadd għal xi att jew omissjoni li fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizzati".;

Minflok għamlu dan, l-imputati fin-nota tagħhom eleboraw **in extenso** dwar l-art. 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll inkorporaw eżami ta' l-art. 39(5)(6) u (10) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi għalhekk jidher li n-nota ta' l-imputati teżorbita mill-parametri ta' dak illi ġie riferit għall-konsiderazzjoni tagħha mill-ewwel Qorti;

7. Illi in kwantu din il-Qorti ġiet adita biex tara jekk hemmx xi ksur ta' l-artikolu 7 fuq ċitat tal-Konvenzjoni Ewropeja, dina l-istess Qorti ma jidhrilhiex li tali ksur jeżisti jonkella li ġie b'xi mod minimament ippruvat mill-imputati;

8. Illi għal kull buon fini, din il-Qorti tosserva li fir-rigward ta' dak li ġie sottomess mill-imputati fin-nota tagħhom, dawn id-diversi punti kienu diġa' ġew konsiderati mill-ewwel Qorti b'mod approfondit. Illi l-allegati vjolazzjonijiet sollevati quddiem dik l-ewwel Qorti ma ġewx imsemmijin dakinhar. Illi f'kull każ ukoll però, din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie deliberat quddiem l-ewwel Qorti fis-sens illi diffikultà jew lanzjana tad-difiża illi l-akkużi donnhom mogħtijin b'mod kumulattiv u mhux alternattiv "hija diffikultà" aktar apparenti milli reali, billi fuq il-fatti naxxenti waqt is-smigħ tal-provi ta' l-imputat, assistit mid-difensur tiegħu, jaf liema linja għandu jieħu biex jiddefendi ruħu mill-akkużi prospettati mill-istess avukat ġenerali". Bla preġudizzju ta' dak li diġa' ntqal minn dina l-Qorti, anki f'dak ir-rigward dak li ġie sottomess mill-imputati fir-rigward ta' l-att ta' l-akkuża, imqar jekk dana l-att ta' akkuża kif formulat mhux wieħed feliċi ħafna mil-lat ta' esposizzjoni u kjarezza, b'dana kollu ma jistax jingħad li jilleda xi drittijiet minn dawk elenkati u kommentati mill-imputati (ara wkoll il-każ "Ogner u Hopfinger vs Austria" - rapport tal-Kummissjonijiet Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, addottat fit-23 ta' Novembru, 1962 - rikors numru 524/59 - 617/59)";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-istess Michael Pace, Alfred Attard u Vincent Zahra preżentat fil-31 ta' Ottubru, 1989 li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti jogħġbha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tordna li l-Prosekuzzjoni tagħżel liema hija

ssostni li għandhom univolkament iwieġbu għaliha l-imputati u tagħti kull rimedju ieħor li din il-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat ir-rispost tal-Kummissarju tal-Pulizija preżentat fit-23 ta' Novembru, 1989, li biha prelimarjament eċċepaw in-nullità ta' l-appell u fil-meritu ssottomettew li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li għalhekk l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjez;

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Diċembru, 1989, minn fejn jirriżulta illi din il-Qorti ordnat lill-partijiet li bla preġudizzju tal-punti preliminari sollevati f'dan l-appell huma jitrattaw il-meritu tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi stante li l-Kummissarju tal-Pulizija appellat poġġa in ġudizzju l-kwistjoni tan-nullità ta' l-appell tar-rikorrenti hija din il-preġudizzjali li trid tiġi deċiża l-ewwel u qabel kollox;

F'dan ir-rigward l-appellat qed jissottometti illi fir-rikors tagħhom ta' l-appell l-appellanti naqsu, konvenjentement o meno, milli jżidu jgħidu li d-deċiżjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tad-19 ta' Ottubru, 1989 kienet ukoll fis-sens li l-kwistjoni "de quo" kienet sempliċiment waħda frivola u vessatorja, u bħala tali, konsegwentament ai termini ta' l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjonali u ta' l-artikolu 4 (5) ta' l-Att XIV ta' l-1987,

jiġi li r-rikors ta' l-appell odjern huwa null u insostenibbli fil-liġi, u dina l-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tiegħu;

Ikollu qabel xejn jiġi ċċarat l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni invokat mill-appellat m'għandu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni minnu sollevata peress li dan il-każ ma jirrigwardax allegat ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni rigwardanti d-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, u fil-fatt qatt ma seta' kien, peress li l-istess Kostituzzjoni, issalva l-provvediment tal-Kodiċi Kriminali. Il-każ invece jirrigwarda biss allegat ksur ta' l-Att XIV ta' l-1987;

Issa l-artikolu 4(5) ta' l-Att XIV ta' l-1987 jipprovdi illi "Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċiment frivola jew vessatorja";

Hu ovvja għalhekk illi dan il-provvediment tal-liġi huwa intimament marbut mal-kumplament ta' l-artikolu 4 tal-Liġi msemmija;

Issa l-artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987 jittratta dwar il-proċeduran għall-esekuzzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u essenzjalment jistabilixxi żewġ tipi ta' proċeduri ċjoè dik diretta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili vestita f'din il-materja b'ġurisdizzjoni oriġinali u dik b'riferenza ta' xi Qorti oħra li ma tkunx l-istess Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili wara li tkun ġiet imqanqla kwistjoni skond is-sub-artikolu 3 ta' l-artikolu 4 u dik il-Qorti li tkun ġiet mitluba tagħmel ir-riferenza tkun waslet għall-konklużjoni li dak it-tqanqil ma kienx sempliċment frivolu jew

vessatorju;

Mela f'dan il-kuntest l-artikolu 4(5) ta' l-Att imsemmi billi jirreferixxi espressament għal ''xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni, jiġifieri jirreferixxi għaż-żewġ proċeduri, neċessarjament jimplika illi ma jkunhx hemm dritt ta' appell minn:

(a) deċiżjoni tal-Prim'Awla, adita bħala l-Qorti li għandha ġurisdizzjoni oriġinali in materja ta' talbiet dwar esekuzzjoni tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali, fuq talba ta' xi persuna li tkun allegat li xi wieħed minn dawn id-drittijiet u libertajiet ikun ġie, ikun qed jiġi jew ikun aktarx ser jiġi miksur dwarha, li l-istess talba hija frivola jew vessatorja;

(b) deċiżjoni ta' xi Qorti oħra li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali wara li tkun ġiet imqanqla kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li t-tqanqil tal-kwistjoni huwa sempliċiment frivolu jew vessatorju;

Issa f'dan il-każ il-kwistjoni dwar allegat ksur ta' dawn id-drittijiet u Libertajiet tqanqlet oriġinarjament quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-kompetenza tagħha ta' Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali u dik il-Qorti, evidentement għax dehrilha li t-tqanqil ta' dik il-kwistjoni ma kienx sempliċiment frivolu jew vessatorju, irriferiet il-kwistjoni lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti ċivili;

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-termini u skond is-sub-artikolu 3 ta' l-artikolu 4 ta' l-Att imsemmi kellha d-dover li tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni riferita lilha kif fil-fatt

għamlet. Jirriżulta, però mill-parti dispositttiva tas-sentenza tal-Prim'Awla, issa meritu ta' dan l-appell, li l-istess Onorabbli Qorti ddikjarat li l-kwistjoni mqanqla mill-akkużati issa appellanti kienet waħda frivola u vessatorja;

Għalhekk, evidentement tqum il-kwistjoni jekk, stante din id-deċiżjoni, l-appell odjern setax isir, ċjoè, hux ritwali;

Din il-Qorti ħasbet fit-tul din il-kwistjoni u waslet għall-konklużjoni li minn interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet in materja anki f'dan il-każ il-liġi ma tagħtix dritt ta' appell. Ir-raġunijiet li fuqhom din il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni huma dawn li ġejjin u ċjoè;

(a) Hu evidenti mill-kliem ta' l-artikolu 4(5) ta' l-Att imsemmi illi l-Legislatur ried li meta f'Qorti ta' prim'istanza jiġi deċiż illi kwistjoni dwar allegat ksur tad-Drittijiet u Libertajiet imsemmija hija frivola u vessatorja ma jkunx hemm dritt ta' appell;

(b) Illi meta quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-*Qorti Ċivili* jew *il-Qorti Kostituzzjonali tiġi mqanqla kwistjoni* kif ingħad, dik il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni li tisma' l-meritu ta' l-allegat ksur tad-Drittijiet u Libertajiet imsemmija iżda tiddeċiedi biss li tagħmel riferenza lill-Prim' Awla wara li tkun soddisfatta li l-kwistjoni sollevata ma tkunx waħda frivola u /jew vessatorja. Is-smigħ tal-meritu propju jispetta lill-Prim'Awla vestita kif ingħad b'ġurisdizzjoni oriġinali biex tisma' kwistjonijiet bħal dawn u għalhekk bħala Qorti ta' prim istanza;

(ċ) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'każ li tiġi adita

direttament taħt is-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att imsemmi miċ-ċittadin li jkun qed jallega li xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew ikun x'aktarx ser jiġi miksur dwarha għandha kull setgħa li tiddikjara dik it-talba bħala waħda frivola jew vessatorja, f'liema eventwalità skond is-sub-artikolu (5) ta' l-istess artikolu ma jkunx hemm dritt ta' appell;

(d) Din il-Qorti ma tarax kif jista' jingħad li fil-każ li l-Prim'Awla tiġi adita billi ssir riferenza lilha minn xi Qorti oħra kif ingħad flok tiġi adita direttament miċ-ċittadin m'għandhiex l-istess setgħa li tiddeċiedi l-kwistjoni ta' l-allegat ksur tad-Drittijiet u Libertajiet imsemmija hija sempliċiment frivola jew vessatorja bħal ma fil-fatt għamlet l-ewwel Qorti f'dan il-każ li anzi ddikjarat li l-kwistjoni kienet mhux biss frivola iżda anki vessatorja;

(e) Bl-istess mod ma tifhimx kif jista' jiġi sostnut illi fil-każ ta' tali dikjarazzjoni fuq istanza diretta taċ-ċittadin ma hemmx dritt ta' appell mentri jekk id-dikjarazzjoni ssir wara riferenza minn xi Qorti tħoss illi li kieku kellha tiddeċiedi mod ieħor tkun qed tmur kontra l-ħsieb u l-volontà tal-Leġislatur li kif ġia ingħad bl-iktar mod ċar ried li jekk fi prim'istanza jiġi deċiż li kwistjoni dwar allegat ksur tad-Drittijiet u Libertajiet imsemmija hija frivola jew vessatorja m'għandux ikun hemm dritt ta' appell;

(f) Fuq kollox, però, wara li kkunsidrat "**funditus**" id-diversi aspetti tal-kwistjoni devoluta lilha, din il-Qorti tara li għandha tirrileva illi taħt l-artikolu 4(3) il-Liġi tuża l-kelma "fehma" meta qed tikkontempla r-riferenza tat-tqanqil tal-

kwistjoni mentri fl-artikolu 4(5) tuża l-kelma "deċiżjoni". Dan ifisser li l-artikolu 4(5) mhux qed jikkontempla l-fehma li tesprimi l-Qorti li tirreferixxi imma jirrigwarda u jirriferixxi għad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti li lilha tkun saret ir-riferenza. Billi l-fehma mhix deċiżjoni ma torbotx lill-Qorti li għaliha ssir ir-riferenza. Min-naħa l-oħra, imbagħad, id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti li għaliha saret riferenza torbot skond l-artikolu 4 (3);

Għal dawn ir-raġunijiet, għalhekk, tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell sollevata mill-Kummissarju tal-Pulizija appellat u konsegwentement tiddikjara l-istess appell ta' Michael Pace, Alfred Attard u Vincent Zahra bħala irritu u null peress li mis-sentenza appellata l-Liġi ma tagħtix dritt ta' l-appell u konsegwentement ma tieħux aktarx konjizzjoni ta' l-istess appell. L-ispejjez ta' din l-istanza jkunu a kariku ta' l-imsemmija appellanti.